Il-11 ta' Ġunju 2025

**Din li ġejja hija dikjarazzjoni tiegħi Jeanette Aquilina (ID [redacted]) dwar dak li ġie rrappurtat dwar iż-żwieġ tiegħi ma' Robert Aquilina u dwar diżgwid li seħħ fir-residenza tiegħi u ta' żewġi nhar it-30 ta' Mejju 2025:**

Niddikjara li l-imsemmi diżgwid kien jinvolvi għajat li ġibed l-attenzjoni tal-pulizija li jkun għassa mad-dar tagħna għas-sigurtà tal-familja tagħna.

Niddikjara li fl-ebda mument tal-argument li kellna aħna ma rrikorrejna għall-vjolenza fuq xulxin.

Niddikjara li jien u żewġi ninsabu ddispjaċuti ferm li, fis-sigħat u fil-jiem wara li seħħ dan id-diżgwid, iż-żwieġ tagħna ġie mżeblaħ b'mod pubbliku minn persuni li l-iskop tagħhom żgur mhuwiex li jħarsu l-interessi tal-familja li bnejna flimkien fl-aħħar 20 sena. Il-leaks mill-Korp tal-Pulziija, l-istejjer ivvintati u minfuħa li nkitbu u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi li saru kellhom biss l-intenzjoni li jweġġgħu u kienu ta' ħsara kbira għalina u għat-tliet ulied tagħna minorenni.

Niddikjara li hija x-xewqa tiegħi u ta' żewġi Robert li nħallu dawn il-ġrajjiet warajna u nimxu 'l quddiem bil-mod li flimkien nemmnu li huwa ta' ġid għalina t-tnejn u għat-tlett itfal tagħna.

Niddikjara li dak li jien stqarrejt lill-Korp tal-Pulizija qed jiġi sfruttat u manipulat biex issir persekuzzjoni u assassinju tal-karattru ta' żewġi Robert.

Niddikjara li lbieraħ l-10 ta' Ġunju 2025 jiena tlabt lill-Qorti biex twaqqaf il-proċeduri kontra żewġi. Għall-kuntrarju ta' dak li qed jiġi rrappurtat mill-mezzi tax-xandir tal-Partit Laburista, it-talba tiegħi tal-bieraħ ma kinetx tikkonsisti f'maħfra. Il-verità hi li l-problemi ta' bejni u bejn żewġi Robert huma ta' natura familjari u mhux kriminali, u huma prinċiparjament riżultat ta' stress qawwi li konna ilna għaddejjin minnu minħabba l-involviment ta' Robert fil-ħajja pubblika.

Niddikjara li jiena ma rridx inkun u m'iniex se nkun parteċipi fl-ebda persekuzzjoni kontra żewġi Robert.

Jeanette Aquilina

**Jeanette Aquilina**

**Xhud tal-firma u tal-identità:**

Sarah Agius

SARAH ANN AGIUS
39, Amadeus, Triq Salvu Curso
Siggiewi SGW 2097
Mob: 7920 5375, 9917 2554
Notary Public Malta
and Commissioner For Oaths

Xhud tal-firma u tal-identità. Il-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (11.06.2025).

Din id-dikjarazzjoni saret quddiemi Nutar Sarah Ann Agius